# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Wayne Camilleri]

vs

Mahamdou Fofana

**Kumpilazzjoni Numru: 165/2020**

**Illum, 27 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mahamadou Fofana detentur tal-karta tal-identita` numru 67671A akkuzat talli flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa, f'diversi bnadi gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli:-

1. Matul il-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Diċembru, 2015, minn ġewwa residenza bl-indirizz 'Villa Gradenia', App 7, Triq l-Ilqugħ, Swieqi, ikkommetta serq ta' flus kontanti fost oġġetti oħra, liema serq sar għad-dannu ta' Sebastian De Prado Garcia u/jew ta' persuna jew persuni oħra u li huwa kkwalfikat bil-mezz, bil-lok u bil-ħin;

2. U aktar talli nhar it-8 ta' Diċembru, 2015, f'xi ħin bejn il-11:00 ta filgħodu u 12:30 ta' wara nofsinhar, minn ġewwa residenza bl-indirizz Jean Mart App Flt 2, Triq E. H. Furse, Msida, ikkommetta serq ta' żewġ *laptops* wieħed tal-marka 'Lenovo' u l-ieħor tal-marka 'Asus' u kif ukoll *mobile phone* tal-marka 'Xiaomi' għad-dannu ta Gaberou Mihael Dimitrov u/jew persun jew persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-lok u bil-ħin;

3. U aktar talli nhar it-13 ta' Diċembru, 2015, għall-ħabta tal-4:00 ta' filgħodu, minn ġewwa residenza bl-indirizz 'Gioia House' Triq Reggie Miller, Gżira, ikkommetta serq ta' diversi

oggetti ta' taghmir elettroniku u kif ukoll ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Mariella Micallef u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

4. u aktar talli matul il-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Dicembru, 2015, minn gewwa residenza bl-indirizz 67, 'Nativity, Triq Giovanni Papaffy, Birkirkara, ikkommetta serq ta' *mobile phone* tad-ditta 'I Phone' ghad-dannu ta' Albert Catania u/jew persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin;

5. u aktar talli matul il-lejl ta' bejn l-20 u il-21 ta' Dicembru, 2015, minn gewwa residenza bl-indirizz 173, Triq il-Brunzar, Santa Venera, ikkommetta serq ta' *mobile phone* tad-ditta 'Motorola' u *tablet* tad-ditta 'All Winner' ghad-dannu ta' Godwin Scerri u/jew persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-hin;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru difinittivi u ma jistawx jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti mahtura fil-proceduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat il-konkluzjonijiet tal-pre-sentencing reportipprezentat fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2020 u mmarkat bhala Dok. CB1 tal-istess ufficcjal tal-Probation **Charisse Boffa** fejn hija kkonkludiet is-segwenti:

*«Konkluzjonijiet*

- ***Fatturi identifikati***

- Matul il-kumpilazzjoni ta’ dan ir-rapport gew identifikati diversi fatturi li qed jitfghu impatt fuq il-hajja ta’ Mahamadou Fofana. Harsa lejn il-fedina penali turi li l-ikkoncentrat kien involut mal-Qorti fuq zewg kazijiet ohra, liema kazijiet kienu wkoll relatati ma’ serq. L-imputat skonta wkoll zewg sentenzi karcerarji u kien ukoll fuq ordni ta’ probation.

- L-imputat gie Malta fis-sena 2011 biex ifittex l-ghazil. Huwa sostna li telaq pajjizu, cioe’ l-Mali meta kellu biss tnax-il sena minhabba glied u nuqqas ta’ prospetti. Huwa ghamel mill-2008 sal-2011 jghix il-Libja b’hafna diffikultajiet. Bhala informazzjoni fuq familtu, Fofana ftit li xejn seta’ jipprovdi peress illi ilu ’ l boghod minnhom ghal iktar minn tnax-il sena u ma tantx seta’ jzomm kuntatt maghhom tul is-snin. Infatti huwa rrimarka li l-ahhar li kellem lil ommu kien iktar minn seba’ snin ilu. Ghalhekk jidher li Fofana m’ghandu l-ebda ghajnuna ta’ familjari u ghex il-maggor parti ta’ hajtu wahdu.

- Fil-qasam tax-xoghol, ir-rekords tal-Jobsplus jindikaw li l-imputat kellu biss xoghol wiehed regolarizzat, fis-sena 2012. Ghajr minn hekk huwa jghid li hadem f'diversi xoghlijiet mhux regolarizzati. Huwa jirrimarka li gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin huwa jahdem il-pupi tal-Playmobil.

- Jidher li l-ikkoncernat beda jaghmel uzu mill-kannabis fis-sena 2014 sforz ta' kemm kien ikollu hsibijiet f'mohhu u anke biex ikompli ma' shabu. L-imputat sostna li baqa' jaghmel uzu mill-kannabis sa ftit qabel ma dahal il-habs pero' kien naqqas hafna l-uzu. Huwa stqarr li qatt ma xtaq ghajnuna f'dan ir-rigward. Testijiet li ttiehdu gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin mis-sena 2015 sal-prezent kollha rrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti tal-kokaina, eroina u kannabis.

- Fuq aspett ta' probation, Fofana kien inghata ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sentejn fis-7 ta' April 2014 mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D. fuq akkuzi ta' serq. L-Ufficjal sottoskritta kienet issegwih tul dan il-perjodu. Kuntatt u attendenza gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-

Parole dejjem kien pjuttost inkonsistenti u sporadiku. Kien inghata ghajnuna fuq impjieg u fuq it-tnaqqis tal-uzu tal-kannabis peress illi kien qabad dan il-vizzju tul l-ordni. Minkejja dan kienet saret denunzja fid-29 ta' Mejju 2015 minhabba li l-imsemmi baqa' jkun inkonsistenti u l-kuntatt prattikament kien intilef. Wara li Fofana nghata diversi opportunitajiet tul ix-xhur biex jistabilizza ruhu m'ghamilx dan, il-Qorti ddecidiet li tikkundannah ghal sentejn prigunerija fuq dan il-ksur. Ghalhekk il-kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation intemm fis-6 t'Ottubru 2015.

- Tul dawn l-ahhar hames snin li huwa ghamel il-habs jidher li Fofana qatt ma ppartecipa f'lezzjonijiet jew programmi edukattivi. Huwa wkoll qatt ma bbenefika minn servizz ta' psikologa jew social worker. Din l-informazzjoni turi li l-imsemmi joqghod hafna lura u jekk xi hadd ma jsaqsihx direttament biex jaghmel xi haga huwa ma jimbottax lilu nnifsu biex jaghmilha. Bhala imgiba gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jidher li kien hemm diversi rapporti tul is-snin, l-iktar fuq nuqqas ta' ubbidjenza ta' xi regola. Bhala glied ma tantx kien involut tul is-snin u jidher li qatt ma

nfethu xi kazijiet mal-pulizija minn gewwa l-FKK. (Ara anness Dok. 5)

- Fuq il-kaz odjern, Fofana ammetta li kien ghaddej minn zmien hazin fejn kien qed jghix hajja kaotika, kien tilef l-impjieg tieghu, ma kellux fluq ghall-kera u biex jghix. Huwa rrimarka wkoll li kien ghadu mmatur u ma hasibx fil-konsegwenzi tal-agir tieghu fuq il-vittmi.

- F'kuntatt li sar ma' numru mill-vittmi ta' dan il-kaz, jidher li kien hemm tlieta minnhom li kienu anzjani jew morda u s-serq li kien sehh fid-dar taghhom affettwahom hafna psikologikament peress illi ma baqghux ihossuhom siguri f'darhom stess u dejjem jghixu bil-biza'. Infatti kollha investew f'sistema tas-sigurta' tajba sabiex iserhu ftit iktar mohhhom.

  - *Pjan ta' kura*

- Minhabba li Fofana ghadu kif ittermina sentenza karcerarja li kienet twila ilu hafna ma jghix fil-komunita', infatti fuq aspett ta' akkomodazzjoni l-unika prospett li huwa ghandu huwa li

jmur jghix ghand habib tieghu. Minhabba s-sitwazzjoni tal-COVID 19 zjara f'din ir-residenza ma setghetx issehh. Pero' sar kuntatt permezz tat-telefon ma' certu Kawso Kane u dan ikkonferma li huwa lest li jzomm lil Fofana fl-appartament tieghu f'San Pawl il-Bahar.

- Mill-informazzjoni migbura jidher li l-imputat kien ghaddej minn diversi diffikultajiet meta wettaq numru ta' reati bejn is-sena 2014 u 2015. Huwa wkoll kien ghadu zghir u kien jidher bic-car tul l-ordni tal-probation l-immaturita' tieghu u n-nuqqas ta' responsabilta' u hsieb fuq ghemilu. Minhabba f'hekk huwa nghata zewg sentenzi karcerarji twal u ghalhekk jidher li kellu zmien bizzejjed biex jahseb fuq il-konsegwenzi li gab b'idejh u kif ukoll in-nuqqas ta' liberta' li ilu ma jkollu serva ta' deterrent ghalih. Fofana spjega li jixtieq hafna li jerga' jibni hajtu mill-gdid. Sabiex jaghmel dan jidher li ghandu bzonn hafna gwida, ghajnuna u sorveljanza.

- Fofana qatt ma tant kien jiehu l-inizjattiva u skont ma' min jaghmilha jispicca jingarr mal-kurrent. Ghalhekk ghandu bzonn jahdem sew fuqu nnifsu sabiex isahhah il-karattru tieghu u jaghraf jaghzel in-nies li jaghmilha maghhom. L-

imputat ghandu bzonn ukoll jitghallem iktar hiliet biex ikun sod u indipendenti bizzejjed biex jghix fil-komunita'. Din it-tip ta' ghajnuna tista' tinghata b'mod iktar holistika minn diversi professjonisti fil-komunita' bid-direzzjoni ta' ufficjal tal-probation.

- Zewg aspetti li huma imminenti u important meta l-imputat jigi rilaxxat mill-habs huma; li jsib xoghol stabbli u li jerga' jgedded id-dokument tieghu f'Malta ghaliex dawn ilhom skaduti.

*Rakkomandazzjoni*

Fid-dawl tal-informazzjoni migbura qed jigi rrikonoxxut li r-reat li wettaq Mahamadou Fofana huwa wiehed serju hafna, fejn kien hemm impatt ferm negattiv fuq il-vittmi ta' dan il-kaz u ghalhekk jidher li jimmerita sentenza karcerarja.

Madanakollu mill-banda l-ohra, wiehed ghandu jzomm f'mohhu li dan ir-reat gie mwettaq hames snin ilu meta l-ikkoncernat kien hafna izghar u kif ukoll il-fatt li l-imputat ilu perjodu twil inkarcerat gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk l-

aspett ta' riabilitazzjoni hija importanti hafna f'dan il-punt fejn Fofana jidher li ghandu bzonn hafna ghajnuna u gwida sabiex jerga' jibni hajtu mill-gdid.

Ghaldaqstant, f'dan l-istadju l-Ufficjal sottoskritta thoss li mhijiex f'pozizzjoni li taghti r-rakkomandazzjoni taghha, izda minflok qieghda umilment tirrakkomanda lil din l-Onorabbli Qorti li tinhareg ordni provizorja ta' supervizjoni. Dan sabiex l-Ufficjal tal-Probation tkun tista' ssegwi lil Fofana u tara l-andament u l-motivazzjoni tieghu sabiex jahdem fuq il-punti kollha li gew elenkati fis-sessjoni tal-pjan ta' kura."

Rat ir-rapport tal-istess ufficcjal tal-Probation **Charisse Boffa** datat 2 ta' Lulju 2020, fejn rrapportat is-segwenti:

"Rapport mill-Ufficjal tal-Probation Charisse Boffa dwar l-andament ta' Mahamadou Fofana, detentur tal-karta tal-identita' 67671(A), residenti gewwa Flat 17B, Solair Apartments, Block C, Triq Il-Gwiebi, Bugibba, numru tal-mowbajl 99719575/77429786. L-imputat qieghed fuq Ordni ta' Provizorja

ta' Supervizjoni li giet mahruga fit-12 ta' Mejju 2020 minn din l-Onorabbli Qorti.

Minn meta l-ikkoncernat inghata l-helsien mill-arrest fis-16 ta' Gunju 2020 sal-prezent, huwa dejjem zamm kuntatt regolari mal-Ufficjal sottoskritta. L-Ufficjal tal-Probation irreferiet lil Mahamadou ghand il-LEAP tal-Qawra, fejn gie assenjat social worker, Lina Grixti Lemak sabiex ikollu iktar ghajnuna fuq aspett ta' xoghol u akkomodazzjoni.

Il-gimgha li ghaddiet l-imputat cempel lill-Ufficjal tal-Probation fejn infurmaha li ma setax jibqa' jghix fir-residenza fejn kien qieghed peress illi s-sid tal-post ried dan l-appartament u ghalhekk Mahamdou u l-habib tieghu kellhom jitilqu. L-Ufficjal tal-Probation u s-social worker hadmu flimkien biex tinstab akkomodazzjoni ulterjuri izda d-djar residenzjali kienu kollha mimlijin. Minkejja dan l-imputat irnexxielu jsib akkomodazzjoni ohra f'Bugibba, fl-indirizz imsemmi ikar 'il fuq. Huwa anke baghat kopja tal-pagament li sar ghal kera tal-appartament lill-Ufficjal sottoskritta.

Mahamadou l-gimgha li ghaddiet sab xoghol fil-kostruzzjoni f'Bahar ic-Caghaq u mar jumejn prova, izda l-problema li sab l-imghallem huma l-hinijiet ristretti tal-imputat, ghaliex huwa jrid li l-ikkoncernat ikun ix-xoghol fis-6:30am u Mahamadou ma jistax jitlaq mid-dar qabel is-7:00am minhabba l-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest. Ghalhekk jekk din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq tnejn mill-kundizzjonijiet ikunu jistghu jigu emendati. Kundizzjoni numru 5 fejn Mahamadou ikun jista' jiffirma l-Ghassa tal-Qawra f'hinijiet iktar flessibli cioe' bejn is-6:00am u 8pm u kundizzjoni numru 6, fejn ikun jista' johrog mir-residenza tieghu fil-5:30am. Dan sabiex ikun jista' jilhaq jaqbad is-servizz ta' tal-linja u jmur ix-xoghol u wara jkun jista' jmur l-Ghassa biex jiffirma.

Sa issa jidher li l-attitudni ta' Mahamadou hija wahda pozittiva fejn qed jiehu hafna iktar inizjattiva biex jaghmel dak li ghandu bzonn jaghmel sabiex jerga' jibni lura hajtu fis-socjeta'. Huwa qed jikkonsulta hafna mal-Ufficjal sottoskritta sabiex ikun cert li qed jobdi l-kundizzjonijiet li qeghdin imposti fuqu.

Ghaldaqstant, f'dan il-punt l-Ufficjal tal-Probation ser tibqa' ssegwi l-progress u l-andament tal-ikkoncernat."

Il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-**Probation Officer Charisse Boffa** li fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2020 qalet:

"Mela bażikament tul l-ordni proviżorja tas-superviżjoni li emm, li ili nsegwi lil Mahamadou Fofana jidher li minn dak iż-żmien dejjem kien qed jikkopera, jiġifieri, minn meta ġie rilaxxat mill-Ħabs sal-preżent emm żamm kuntatt miegħi prattikament kuljum fejn qisu dejjem qed jikkonsulta miegħi fuq l-affarijiet li qed jagħmel. Emm fir-rigward ta' xogħol jiena ovvjament anke meta kien il-Ħabs jien kont ippuxjajtu, għidtlu: "Issa inti trid tagħmel l-almu tiegħek biex issib xogħol ukoll." Emm sab xogħol fil-kostruzzjoni. Jiġifieri għalhekk bħalissa għadu mhux regolarizzat għax qisu għadu ukoll trial però qed immur. infatti kellu naqra sitwazzjoni fejn kellu bżonn jidħol aktar kmieni però minħabba l-kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest ma setax. Emm kif ukoll

bħala akkomodazzjoni nikkonferma li għandu indirizz. Emm qiegħed Buġibba u qed jaqsam il-kera ma' persuna oħra emm ħabib tiegħu. Dan l-indirizz huwa wieħed differenti milli kien ta oriġinarjament.

Emm bħala qisu l-atteġġjament tiegħu anke fuq aspett miegħi jiġifieri kif qed ngħidlek il-kuntatt dejjem kien hemm. Minn Awwissu nistgħu, jistgħu jibdew jittieħdu t-testijiet tal-urina b'mod regolari fid-Dipartiment tagħna. Jiġifieri dik nista' nerġa' nibda emm insegwih fuqu. Għalhekk f'dan il-kuntest nagħti rakkomandazzjoni tiegħi li hija waħda ta ordni ta' probation fil-massimu tagħha sabiex ix-xogħol li beda jsir jista' jitkompla e u ovvjament ix-xogħlijiet li jista jkun wieħed naqra iktar flessibli biha."

A rigward servizz fil-komunita' l-Probation Officer qalet hekk:

"Iva huwa idonju peress li s'issa ma kienx hemm iktar problemi ta' droga f'dan l-aħħar ħames snin peress li kien qiegħed il-Ħabs. Li kieku idealment xorta l-ordnijiet ikunu b'mod separati jiġifieri ħalli l-probabtion tkun fil-massimu tagħha umbagħad il-Qorti tara."

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 18, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278(1)(3), 279(a), 280(1), 281(b), 289 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, il-Qorti qed issib lill-imputat Mahamadou Fofana hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed toggih taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin filwaqt li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ghal erbghin (40) siegha, liema ordnijiet qed jigu annessi ma' din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat Mahamadou Fofana ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma tigix obduta.

______________________________________

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**